# IL-KNISJA TA' L-ADDOLORATA TA' VILLALAGO



Il-Knisja dedikata lil Marija Addolorata tinsab fil-quccata tal-pajjiz mibni fuq muntanja, precizament fil-bitha tal-Palazz Lupi. Hija binja ta' origini antika, zgur qabel is-sena 1652, billi f'dik id-data kienet saret il-vizta pastorali mill-isqof Sulmona. Originarjament kienet maghrufa bhala l-Oratorju ta' Santa Marija tal-Hniena jew tal-Mewt.



Mal-wasla tal-familja Lupi, il-kappella saret parti mill-palazz taghhom. Fil-knisja hija mharsa b'ghozzza kbira, xbiha zghira u sabiha ta' l-Addolorata li tmur lejn is-seklu XVIII. Id-dehra tal-knisja hija wahda li tilqghek u tintrefa' f'Alla bil-gabra li wiehed ihoss meta jidhol fiha.

Il-knisja hija stil barokk-romanesk b'artal irhamat.

Kull sena b'solennita' kbira u devozzjoni tigi celebrata l-festa ta' l-Addolorata li tispicca b'purcissjoni tassew devota.

Fi zmien il-familja Lupi, meta din l-istess familja kienet propjetarja tal-knisja u tiehu hsieb li taghmel hija c-celebrazzjonijiet f'gieh Marija tas-Sebgha Duluri, il-festa kienet tispicca b'xarba li l-familja Lupi kienet toffri lil kulhadd.

Illum it-tradizzjoni baqghet izda hadet xejra ftit differenti.  Kull min jattendi ghall-purcissjoni jinghata ciambella u tazza imbid ahmar

